



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

21 ta' Diċembru 2016*

“Appell — Għajnuna mill-Istat — Taxxa nazzjonali fuq it-trasport tal-ajru — Applikazzjoni ta' taxxi ddifferenzjati — Rata mnaqqsa għal titjiriet b'destinazzjonijiet li ma jkunux iktar minn 300 km 'il bogħod mill-ajruport nazzjonali — Vantaġġ — Natura selettiva — Evalwazzjoni fil-każ li l-miżura fiskali tista' tikkostitwixxi restrizzjoni fuq l-libertà li jiġu pprovduti servizzi — Irkupru — Dazju tas-sisa”

Fil-Kawżi magħquda C-164/15 P u C-165/15 P,

li għandhom bħala suġġett żewġ appelli skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentati fid-9 ta' April 2015,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn L. Flynn, D. Grespan, T. Maxian Rusche u B. Stromsky, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

Aer Lingus Ltd, stabbilita f'Dublin (l-Irlanda), irrappreżentata minn K. Bacon u A. Robertson, QC, kif ukoll minn D. Bailey, barrister, fuq mandat ta' A. Burnside, solicitor,

rikorrenti fl-ewwel istanza (C-164/15 P) u intervenjenti fl-ewwel istanza (C-165/15 P),

Ryanair Designated Activiy Company, li kienet Ryanair Ltd., stabbilita f'Dublin (l-Irlanda) irrappreżentata minn B. Kennelly, QC, I.-G. Metaxas-Maragkidis, avukat, u E. Vahida, avukat,

rikorrenti fl-ewwel istanza (C-165/15 P),

L-Irlanda, irrappreżentata minn E. Creedon u J. Quaney kif ukoll minn A. Joyce, bħala aġenti, assistiti minn E. Regan, SC, u B. Doherty, BL,

intervenjenti fl-ewwel istanza (C-164/15 P u C-165/15 P),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn L. Bay Larsen, President tal-Awla, M. Vilaras (Relatur), J. Malenovský, M. Safjan u D. Šváby, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,

Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-7 ta' April 2016,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2016,

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 Permezz tal-appelli tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob l-annullament, minn naħa, fil-Kawża C-164/15 P, tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-5 ta' Frar 2015, Aer Lingus vs Il-Kummissjoni (T-473/12, mhux ippubblikata, iktar 'il quddiem is-“sentenza Aer Lingus”, EU:T:2015:78), u, min-naħa l-oħra, fil-Kawża C-165/15 P, tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-5 ta' Frar 2015, Ryanair vs Il-Kummissjoni (T-500/12, mhux ippubblikata, iktar 'il quddiem is-“sentenza Ryanair”, EU:T:2015:73) (iktar 'il quddiem, flimkien, is-“sentenzi appellati”), li bihom il-Qorti Ġenerali laqgħet parzjalment ir-rikorsi ppreżentati, rispettivament minn Aer Lingus Ltd u minn Ryanair Designated Activity Company, li kienet Ryanair Ltd (iktar 'il quddiem “Ryanair”), u annullat l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/199/UE, tal-25 ta' Lulju 2012, dwar l-għajjnuna mill-Istat, il-każ SA.29064 (11/C, ex 11/NN) – Rati tat-taxxa differenzjati għall-ivvjaġġar bl-ajru implimentati mill-Irlanda (ĠU 2013, L 119, p. 30, iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”), sa fejn dan l-artikolu jordna l-irkupru tal-għajjnuna mingħand il-benefiċjarji, għal ammont li huwa stabbilit għal EUR 8 għal kull passiġġier fil-premessa 70 tal-imsemmija deċiżjoni.
- 2 Permezz tal-appelli inċidentali tagħhom, Aer Lingus u Ryanair jitolbu ukoll l-annullament, rispettivament, tas-sentenza Aer Lingus u tas-sentenza Ryanair.

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament (KE) Nru 659/1999

- 3 L-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339), intitolat “Rkupru ta' għajjnuna”, huwa redatt fil-kliem li ġej:

“1. Fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' għajjnuna llegali, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-għajjnuna mill-benefiċjarju (minn hawn 'l quddiem imsejja “deċiżjoni ta' rkupru”). Il-Kummissjoni m'għandhiex teħtieġ ir-irkupru ta' l-għajjnuna jekk dan ikun kuntrarju għal prinċipju ġenerali tal-liġi tal-[Unjoni].

2. L-għajjnuna li ser tkun rikuperata skont deċiżjoni ta' rkupru għandha tinkludi l-imgħax frata xierqa f'fissata mill-Kummissjoni. L-imgħax għandu jkun pagabbli mid-data li fiha l-għajjnuna llegali kienet fid-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sad-data li fiha kienet irkuprata.

3. Mingħajr preġudizzju għall-ebda ordni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-[Unjoni Ewropea] skond l-Artikolu [278 TFUE], ir-irkupru għandu jsir mingħajr dewmien u f'konformità mal-proċeduri tal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, sakemm jippermettu għall-esekuzzjoni mmedjata u effettiva tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Għal dan l-effett u fl-eventwalità ta' proċedura quddiem il-qorti nazzjonali, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa li huma disponibbli fis-sistemi legali rispettivi tagħhom, li jinkludu miżuri proviżjonali, mingħajr preġudizzju għall-liġi tal-[Unjoni].”

Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008

- 4 L-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ta' l-24 ta' Settembru 2008, dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi ta' l-ajru [fl-Unjoni] (ĠU 2008, L 293, p. 3), jipprovdi:

“It-trasportaturi ta' l-ajru [tal-Unjoni] għandhom ikunu intitolati joperaw servizzi ta' l-arju intra-Komunitarji.”

- 5 L-Artikolu 23 ta' dan ir-regolament, intitolat “Informazzjoni u non-diskriminazzjoni”, jipprevedi fil-paragrafu 1 tiegħu:

“In-nollijiet ta' l-ajru u r-rati ta' l-ajru disponibbli għall-pubbliku in ġenerali għandhom jinkludu l-kondizzjonijiet applikabbli meta offruti jew pubblikati taħt kull forma, anke fuq l-Internet, għal servizzi bl-ajru minn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru li għalih japplika t-Trattat. Il-prezz finali li għandu jitħallas għandu jkun indikat dejjem u għandu jinkludi n-noll jew ir-rata ta' l-ajru applikabbli kif ukoll it-taxxi kollha applikabbli, u l-ħlasijiet, il-ħlasijiet addizzjonali u l-drittijiet li ma jistgħux jiġu evitati u li jkunu prevedibbli fil-ħin tal-pubblikazzjoni. Minbarra l-indikazzjoni tal-prezz finali, għandu jkun speċifikat għall-inqas dan li ġej:

- (a) in-noll ta' l-ajru jew ir-rata ta' l-ajru;
- (b) it-taxxi;
- (c) il-ħlasijiet ta' l-ajruport; u
- (d) ħlasijiet, ħlasijiet addizzjonali jew drittijiet oħrajn, bħal dawk marbutin mas-sigurtà jew il-karburant;

fejn il-punti elenkati taħt (b), (c) u (d) jkunu żdiedu man-noll ta' l-ajru jew ir-rata ta' l-ajru. Is-supplimenti tal-prezz fakultattivi għandhom jiġu komunikati b'mod ċar, trasparenti u mingħajr ambigwià fil-bidu ta' kull proċess ta' prenotazzjoni u l-aċċettazzjoni tagħhom mill-klijent għandha tkun fuq bażi 'opt-in'.

Id-Direttiva 2014/104/UE

- 6 Il-premessi 3 u 4 tad-Direttiva 2014/104/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Novembru 2014, dwar ċerti regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni skont il-liġi nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2014, L 349, p. 1) jistabbilixxu:

“(3) [...] L-effett sħiħ tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, u b'mod partikolari l-effett prattiku tal-projbizzjonijiet stipulati fihom, jeħtieġ li kulħadd — sew jekk individwu, inklużi konsumaturi u impriżi, jew awtorità pubblika — ikun jista' jagħmel pretensjoni għal kumpens quddiem il-qrati nazzjonali għall-ħsara kkawżata lilu minn ksur ta' dawk id-dispożizzjonijiet. [...]”

(4) Id-dritt fil-liġi tal-Unjoni għall-kumpens għal dannu li jirriżulta minn ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni nazzjonali u tal-Unjoni jirrikjedi li kull Stat Membru jkollu regoli proċedurali li jiżguraw l-eżerċizzju effettiv ta' dak id-dritt. [...]”

7 L-Artikolu 13 ta' din id-direttiva, intitolat "Trasferiment tad-difiża", huwa hekk redatt:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konvenut f'azzjoni għad-danni jista' jinvoka, bħala difiża kontra pretensjoni għad-danni, il-fatt li l-attur ittrasferixxa l-ispejjeż żejda kollha jew parti minnhom li rriżultaw mill-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni. Il-piż tal-provahiom li l-ispejjeż żejda ġew trasferiti għandu jkun tal-konvenut li b'mod raġonevoli jista' jkun jeħtieġ divulgazzjoni mill-attur jew minn partijiet terzi."

Il-fatti li wasslu għall-kawża

- 8 Il-fatti li wasslu għall-kawża, kif jirriżultaw mill-punti 1 sa 13 tas-sentenzi appellati, jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.
- 9 Mit-30 ta' Marzu 2009, l-Irlanda introduċiet taxxa tas-sisa, imsejħa "Air Travel Tax" (taxxa fuq it-trasport bl-ajru, iktar 'il quddiem it-"TTA"), li tinġabar direttament mingħand il-kumpanniji tal-ajru mingħand kull passiġġier imbarkat fuq titjira li titlaq minn ajruport Irlandiż, ħliet xi eċċezzjonijiet mingħajr effett għal din il-proċedura. Il-kumpanniji tal-ajru kienu l-persuni taxxabbli tat-TTA u kellhom iħallsuha, mingħajr ħsara għall-possibbiltà għalihom li jgħaddu l-ammont ta' din it-taxxa fuq il-prezz tal-biljett.
- 10 Matul l-introduzzjoni tagħha, it-TTA kienet ikkalkolata fuq il-bażi tad-distanza bejn l-ajruport tat-tluq u dak tal-wasla u kienet tipprevedi żewġ rati distinti li jiġu imposti fuq kumpanniji tal-ajru, jiġifieri EUR 2 għal kull passiġġier fil-każ ta' titjira lejn destinazzjoni li tinsab f'distanza massima ta' 300 km mill-ajruport ta' Dublin (l-Irlanda) (iktar 'il quddiem ir-"rata mnaqqsa tat-TTA") u EUR 10 għal kull passiġġier fil-każijiet kollha l-oħra (iktar 'il quddiem ir-"rata oġhla tat-TTA").
- 11 Fil-21 ta' Lulju 2009, Ryanair adixxa l-Kummissjoni b'żewġ ilmenti distinti dwar it-TTA, l-ewwel wieħed għal ksur tad-dispożizzjonijiet dwar l-għajjnuna mill-Istat u t-tieni bbażat fuq l-Artikolu 56 TFUE kif ukoll fuq ir-Regolament Nru 1008/2008. B'segwitu tat-tieni minn dawn l-ilmenti, il-Kummissjoni fetthet investigazzjoni dwar ksur eventwali tad-dispożizzjonijiet dwar il-provvista libera tas-servizzi u, fit-18 ta' Marzu 2010, hija baġtet lill-awtoritajiet Irlandiżi ittra ta' intimazzjoni. Wara l-Irlanda emendat, b'effett mill-1 ta' Marzu 2011, il-modalitajiet ta' kalkolu tat-TTA, billi introduċiet rata unika ta' EUR 3 għal kull passiġġier, applikabbli għat-titjiriet kollha, tkun li tkun id-distanza koperta, b'mod li l-Kummissjoni għalqet l-investigazzjoni tagħha.
- 12 B'segwitu tal-ewwel ilment ta' Ryanair, il-Kummissjoni fetthet, fit-13 ta' Lulju 2011, proċedura formali ta' eżami skont l-Artikolu 108(2) TFUE, li tirrigwarda r-rata mnaqqsa tat-TTA Fit-tmien ta' din il-proċedura, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata.
- 13 L-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni tikkonstata li l-għajjnuna fil-forma ta' livell aktar baxx ta' rata ta' taxxa fuq l-ivvjaġġar bl-ajru applikabbli għal titjiriet operati b'inġenji tal-ajru kapaċi jgħorru iktar minn 20 passiġġier u mhux użati għall-finijiet tal-Istat jew militari, li jtilqu minn ajruport b'aktar minn 10 000 passiġġier fis-sena għal destinazzjoni li tinsab mhux aktar minn 300 km mill-ajruport ta' Dublin, bejn it-30 ta' Marzu 2009 u l-1 ta' Marzu 2011, li ġiet implementata illegalment mill-Irlanda bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE, hija inkompatibbli mas-suq intern.
- 14 Punt 1 tal-Artikolu 4 tad-deċiżjoni kkontestata ordnat lill-Irlanda li tirkupra l-għajjnuna illegali. Il-premessa 70 ta' din id-deċiżjoni tindika li l-ammont tal-għajjnuna li għandha tiġi rkuprata tikkorrispondi għad-differenza bejn ir-rata mnaqqsa tat-TTA u r-rata oġhla tat-TTA, jiġifieri għal EUR 8 għal kull passiġġier ittrasportat. Din l-istess premessa tidentifika lil Aer Lingus u Ryanair fost il-benefiċjarji tal-għajjnuna.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenzi appellati

- 15 Fl-1 ta' Novembru 2012 (Kawża T-473/12) u fil-15 ta' Novembru 2012 (Kawża T-500/12), Aer Lingus u Ryanair ippreżentaw, rispettivament, rikors quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex jiksbu l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.
- 16 Fil-Kawża T-473/12, Aer Lingus invokat, insostenn tar-rikors tagħha, ħames motivi bbażati, l-ewwel wieħed, fuq żball ta' liġi mwettaq mill-Kummissjoni peress li hija kkwalfikat, fid-deċiżjoni kkontestata, ir-rati mnaqqsa tat-TTA bħala "għajnuna mill-Istat", it-tieni, fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali, ta' effettività u ta' amministrazzjoni tajba, minħabba l-fatt li d-deċiżjoni kkontestata ordnat l-irkupru tal-għajnuna, it-tielet, fuq żball ta' liġi u fuq żball manifest ta' evalwazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni, peress li din tal-aħħar naqqset milli tieħu inkunsiderazzjoni r-riperkussjoni tat-TTA fuq il-passiġġieri fil-kwalifika tal-għajnuna tal-miżura u l-kwantifikazzjoni tal-vantaġġ, ir-raba', fuq ksur tal-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 659/1999 kif ukoll fuq il-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament fuq il-fatt tal-ordni ta' rkupru fid-deċiżjoni kkontestata u, il-ħames, fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.
- 17 Fil-Kawża T-500/12, Ryanair invokat, insostenn tar-rikors tagħha, ħames motivi bbażati, l-ewwel wieħed, fuq żball ta' liġi li vvizzja d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tgħid li r-rata oġhla tat-TTA kienet ir-rata "normali" jew ir-rata "leġittima standard", it-tieni, fuq żball ta' liġi u fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tal-vantaġġ mogħti skont it-TTA, it-tielet, fuq żball ta' liġi u fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni ta' rkupru, ir-raba', fuq nuqqas ta' komunikazzjoni tad-deċiżjoni ta' rkupru tal-Kummissjoni u, il-ħames, fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.
- 18 Fis-sentenzi appellati, il-Qorti Ġenerali, fl-ewwel lok, eżaminat u ċaħdet il-ħames motivi taż-żewġ rikorsi, ibbażati fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni. Dawn il-kategoriji tas-sentenzi appellati ma humiex imsemmija la mill-appelli u lanqas mill-appelli inċidentali.
- 19 Fit-tieni lok, fir-rigward b'mod partikolari r-rikors ta' Ryanair, il-Qorti Ġenerali eżaminat u ċaħdet, fil-punti 42 sa 56 tas-sentenza Ryanair ir-raba' motiv ta' Ryanair. Din il-kategorija tal-imsemmija sentenza ma hijiex iktar ikkonċernata mill-appell tal-Kummissjoni fil-Kawża C-165/15 P jew mill-appell inċidentali ta' Ryanair fl-istess kawża.
- 20 Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali eżaminat u ċaħdet l-ewwel motiv tar-rikorsi ta' Aer Lingus u ta' Ryanair. Essenzjalment, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni ma wettqet ebda żball ta' liġi billi kkwalfikat ir-rata oġhla tat-TTA bħala "rata ta' riferiment" għall-finijiet li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' vantaġġ selettiv u billi kkonkludiet li l-applikazzjoni ta' rati differenzjati f'dan il-każ kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, favur il-kumpanniji tal-ajru li t-titjiriet tagħhom kienu suġġetti għar-rata mnaqqsa tat-TTA matul il-perijodu kkonċernat.
- 21 Fir-raba' lok, il-Qorti Ġenerali kienet inklinata fuq l-eżami tat-tielet u r-raba' motivi tar-rikors ta' Aer Lingus u tat-tieni u t-tielet motivi tar-rikors ta' Ryanair, li hija laqgħet parzjalment.
- 22 Fil-kuntest ta' dan l-eżami, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni wettqet "żball ta' evalwazzjoni u żball ta' liġi" sa fejn stabbiliet l-ammont tal-għajnuna li għandu jiġi rkuprat mingħand il-benefiċjarji, fosthom Aer Lingus u Ryanair, għal EUR 8 għal kull passiġġier li ħa titjiriet li bbenefikaw minn rata mnaqqsa tat-TTA, jiġifieri d-differenza bejn din ir-rata u r-rata oġhla tat-TTA. Skont il-Qorti Ġenerali, sa fejn il-vantaġġ ekonomiku naxxenti mill-applikazzjoni ta' din ir-rata mnaqqsa tat-TTA setgħet, anki jekk parzjalment, tiġi mġhodija fuq il-passiġġieri, il-Kummissjoni ma kellhiex dritt tikkunsidra li l-vantaġġ li bbenefikaw minnu l-kumpanniji tal-ajru kkonċernati kien jammonta awtomatikament, fil-każijiet kollha, għal EUR 8 għal kull passiġġier.

- 23 Fil-punt 124 tas-sentenza Aer Lingus, il-Qorti Ġenerali, konsegwentement, ikkunsidrat li “mingħajr il-bżonn li tingħata deċiżjoni fuq il-ksur possibbli tal-prinċipji ta’ proporzjonalità u ta’ ugwaljanza fit-trattament invokat” minn Aer Lingus, jeħtieġ li jintlaqgħu it-tielet u r-raba’ motivi tar-rikors tagħha.
- 24 Bl-istess mod, fil-punt 150 tas-sentenza Ryanair, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li għandhom jintlaqgħu t-tieni u t-tielet motivi ta’ Ryanair, “mingħajr ma jkun neċessarju li tiġi eżaminata t-tieni parti tat-tielet motiv u l-argumenti supplimentarji mqajma” [traduzzjoni mhux uffiċjali] minn Aer Lingus, intervenjenti f’din il-kawża insostenn tat-talbiet ta’ Ryanair.
- 25 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali, fil-punt 1 tad-dispożittiv tas-sentenzi appellati, annullat l-Artikolu 4 tad-deċiżjoni kkontestata, “sa fejn [dan l-artikolu] jordna l-irkupru tal-għajnuna mingħand benefiċjarji, fl-ammont li huwa stabbilit għal EUR 8 għal kull passiġġier fil-premessa 70 tal-imsemmija deċiżjoni”. Fil-punt 2 tad-dispożittiv tal-imsemmija sentenzi, hija ċaħdet il-kumpliment tar-rikorsi.

It-talbiet tal-partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

- 26 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja:
- tannulla l-punt 1 tad-dispożittiv tas-sentenzi appellati;
 - tiċhađ ir-rikorsi quddiem il-Qorti Ġenerali fl-intier tagħhom jew, sussidjarjament, tibgħat il-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali;
 - tiċhađ l-appelli incidentalali;
 - tikkundanna l-atturi fl-ewwel istanza għall-ispejjeż jew, sussidjarjament, tirriżerva l-ispejjeż taż-żewġ istanzi.
- 27 Aer Lingus u Ryanair jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja:
- tannulla l-punt 2 tad-dispożittiv tas-sentenzi appellati;
 - tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
 - tiċhađ l-appelli, u
 - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.
- 28 L-Irlanda titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja:
- tilqa’ l-appelli tal-Kummissjoni u tiċhađ ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali, u
 - tiċhađ l-appelli incidentalali.

Fuq it-talbiet għal ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura

- 29 Permezz ta’ ittra ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta’ Lulju 2016, Aer Lingus talbet li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura, skont l-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Insostenn tat-talba tagħha, Aer Lingus tinvoka n-neċessità li tiegħu pożizzjoni dwar il-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali u, b’mod partikolari, fuq l-argumenti kif ukoll fuq il-ġurisprudenza msemmija fil-punti 79, 80, 83 u 88 sa 99 tagħhom. Barra minn hekk, Aer

Lingus tqis li għandha jkollha l-opportunità li tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha fuq il-motivi u l-argumenti mhux eżaminati quddiem il-Qorti Ġenerali, fl-ipoteżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza Aer Lingus u tqis li l-kawża hija lesta biex tiġi ġġudikata.

- 30 Permezz ta' ittra ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta' Awwissu 2016, Ryanair indikat li hija ssostni it-talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali ta' Aer Lingus u titlob, hija wkoll, il-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali, essenzjalment għall-istess motivi bħal dawk imressqa minn Aer Lingus.
- 31 Għandu jtfakkar li la l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u lanqas ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jipprevedu l-possibbiltà li l-partijiet jippreżentaw osservazzjonijiet bi tweġiba għall-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali (sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Vnuk, C-162/13, EU:C:2014:2146, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 32 Fil-fatt, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 252 TFUE, l-Avukat Ġenerali għandu d-dmir li pubblikament, bl-ikbar imparzjalità u b'indipendenza sħiħa jipproponi konklużjonijiet motivati dwar il-kawżi li, skont l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jeħtieġu l-intervent tiegħu. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex marbuta la mill-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali u lanqas mill-motivazzjoni li biha jasal għalihom. Konsegwentement, in-nuqqas ta' ftehim ta' parti mal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ikunu li jkun d-domandi li jeżamina fihom, ma jistax jikkostitwixxi fih innifsu motiv li jiġġustifika l-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali (sentenza tad-9 ta' Lulju 2015, InnoLux vs Il-Kummissjoni, C-231/14 P, EU:C:2015:451, punti 27 u 28 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 33 Madankollu, skont l-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'kull ħin, wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tordna l-ftuħ jew il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura, b'mod partikolari meta tqis li ma għandhiex informazzjoni biżżejjed jew meta waħda mill-partijiet tippreżenta, wara l-għeluq ta' din il-fażi, fatt ġdid ta' natura li jeżerċita influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.
- 34 Dan ma huwiex il-każ hawnhekk. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, tikkunsidra li għandha l-elementi kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi u li l-kawża ma għandiex tiġi eżaminata fid-dawl ta' fatt ġdid ta' natura li jeżerċita influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni tagħha jew fid-dawl ta' argument li ma ġiex diskuss quddiemha.
- 35 Fir-rigward, b'mod partikolari, tat-talbiet ta' Aer Lingus u ta' Ryanair li jkun jistgħu jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuq il-motivi u l-argumenti mhux eżaminati mill-Qorti Ġenerali fl-ipoteżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenzi appellati u tikkunsidra li l-kawża hija lesta biex tiġi ġġudikata, mill-qari flimkien tal-Artikolu 168(1)(d), tal-Artikolu 173(1)(c) u tal-Artikolu 170(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-partijiet għall-appell huma mistiedna, fil-kuntest tar-rikors tagħhom għall-appell bħal fir-risposta tagħhom, li jippreżentaw kull motiv jew argument rilevanti, b'mod partikolari fl-ipoteżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja, b'applikazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tevoka l-kawża f'każ li l-appell jintlaqa'. Għaldaqstant, il-partijiet kellhom il-possibbiltà li jippreżentaw, kemm matul il-proċedura bil-miktub kif ukoll il-proċedura orali, l-osservazzjonijiet tagħhom fuq l-aspetti kollha tal-kawża li huma kienu jqisu rilevanti. Għaldaqstant, in-neċessità invokata minn Aer Lingus u Ryanair li jippreżentaw osservazzjonijiet fuq il-motivi u l-argumenti mhux eżaminati mill-Qorti Ġenerali ma hijiex ta' natura li tiġġustifika l-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali.
- 36 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li ma hemmx lok li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura.

Fuq l-appelli inċidentali

- 37 Insostenn tal-appelli inċidentali rispettivi tagħhom, għandu jiġi eżaminat fl-ewwel lok peress li jikkontestaw l-eżistenza stess ta' għajjnuna mill-Istat f'dan il-każ, Aer Lingus u Ryanair jinvokaw kull waħda minnhom aggravju uniku, ibbażat fuq żball ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali, sa fejn ċaħdet l-ewwel motivi tar-rikorsi għal annullament rispettivi, li bihom kienu qed jikkontestaw il-kwalifika ta' "għajjnuna mill-Istat" tar-rata mnaqqsa tat-TTA.
- 38 Kull wieħed minn dawn l-aggravji jiġi diviż f'erba' partijiet li bihom Aer Lingus u Ryanair jikkontestaw il-legalità tal-għażla tal-Kummissjoni, approvata mill-Qorti Ġenerali, li tikkunsidra r-rata ogħla tat-TTA, ta' EUR 10 għal kull passiġġier, bħala rata "normali" jew ta' riferiment, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tan-natura selettiva tal-vantaġġ li jirriżulta mill-impożizzjoni ta' ċerti titjiriet għar-rata mnaqqsa ta' EUR 2 għal kull passiġġier.

Kunsiderazzjonijiet preliminari

- 39 Għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 107(1) TFUE, ħliet għal derogi maħsuba fit-Trattati, skont l-effett li jkollhom fuq skambji bejn Stati Membri, l-għajjnuniet mogħtija mill-Istati, jiġifieri minn riżorsi tal-Istat, ma humiex kompatibbli mas-suq intern fl-ebda forma li tista' tiffavorixxi xi kumpanniji jew tipi ta' produzzjoni, bir-riżultat li jfixklu jew jheddu li jfixklu l-kompetizzjoni.
- 40 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' "għajjnuna" huwa iktar ġenerali minn dak ta' "sussidju", għaliex ma jinkludix biss benefiċċji pożittivi, bħas-sussidji stess, iżda anki miżuri tal-Istat li, f'bosta forom, itaffu r-responsabbiltajiet li normalment ikunu inklużi fil-baġit ta' impriża u li, b'hekk, bla ma jkun sussidji fit-tifsira stretta tal-kelma, għandhom karattru simili u l-istess effetti (is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni u Spanja vs Il-Gvern ta' Ġibiltà u r-Renju Unit, C-106/09 P u C-107/09 P, - EU:C:2011:732, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 41 Minn dan jirriżulta li miżura li permezz tagħha l-awtoritajiet pubbliċi jagħtu lil ċerti impriżi trattament fiskali vantaġġuż li, għalkemm ma tinkludix trasferiment ta' riżorsi tal-Istat, tqiegħed lill-benefiċjarji f'sitwazzjoni finanzjarja iktar favorevoli mill-kontribwenti l-oħra tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Għall-kuntrarju, vantaġġi li jirriżultaw minn miżura ġenerali applikabbli mingħajr distinzjoni għall-operaturi ekonomiċi kollha li, għaldaqstant, ma hijiex selettiva u ma jikkostitwixxux għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE (sentenza tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni u Spanja vs Il-Gvern ta' Ġibiltà u r-Renju Unit, C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732, punti 72 u 73 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 42 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-punti 54 u 55 tas-sentenza Aer Lingus kif ukoll mill-punti 79 u 80 tas-sentenza Ryanair, il-Kummissjoni kkunsidrat, fid-deċiżjoni kkontestata, li, għall-finijiet li tiġi stabbilita n-natura selettiva tat-TTA, kien ikollha tidentifika "sistema ta' riferiment" u tiddetermina jekk l-imsemmija miżura kienet tikkostitwixxi deroga għal din is-sistema. Peress li ġie kkonstatat li r-rata mnaqqsa tat-TTA kienet applikata, essenzjalment, biss għad-destinazzjonijiet nazzjonali u għal madwar 10 % sa 15 % tat-titjiriet kollha suġġetti għat-TTA, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-rata ogħla tat-TTA kellha tiġi kkunsidrata bħala r-rata normali tas-sistema ta' riferiment, filwaqt li r-rata mnaqqsa kienet tikkostitwixxi eċċezzjoni.
- 43 Fir-rigward ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, Aer Lingus u Ryanair illimitaw lilhom infushom li jikkritikaw, quddiem il-Qorti Ġenerali, l-użu, għall-finijiet li tiġi stabbilita n-natura selettiva tat-TTA, tar-rata ogħla ta' din it-taxxa bħala rata ta' riferiment.
- 44 Issa, wara li eżaminat u ċaħdet l-argumenti esposti f'dan ir-rigward minn Aer Lingus u Ryanair, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, rispettivament fil-punti 76 u 90 tas-sentenzi Aer Lingus u Ryanair, li l-Kummissjoni ma wettqet ebda żball ta' liġi billi kkwalifikat ir-rata ogħla tat-TTA bħala "rata ta'

riferiment” u, konsegwentement, billi kkunsidrat li l-applikazzjoni ta’ rati differenzjati kienet tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE favur kumpanniji tal-ajru li t-titjiriet tagħhom kienu suġġetti għar-rata mnaqqsa tat-TTA matul il-perijodu kkonċernat mid-deċiżjoni kkontestata.

- 45 Huma dawn il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li, skont Aer Lingus u Ryanair, huma vvizzjati bi żball ta’ liġi għall-motivi esposti fil-kuntest tal-partijiet differenti tal-aggravji uniċi tagħhom rispettivi.
- 46 Huwa f’dan il-kuntest li għandhom jiġu analizzati l-partijiet differenti tal-aggravji uniċi ta’ Ryanair u ta’ Aer Lingus, li huma intiżi li juru li r-raġunament tal-Qorti Ġenerali huwa vvizzjat minn żball ta’ liġi, sa fejn approvat l-użu tar-rata oġhla tat-TTA bħala rata ta’ riferiment u ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-eventwali rimbors ta’ parti minn din it-taxxa għall-operaturi suġġett għar-rata oġhla. Ser tkun eżaminata, qabelxejn, l-ewwel parti tal-aggravju uniku ta’ Ryanair, imbagħad ir-raba’ parti mill-istess aggravju u, finalment, flimkien, il-partijiet kollha tal-aggravju uniku ta’ Aer Lingus kif ukoll it-tieni u t-tielet partijiet tal-aggravju uniku ta’ Ryanair.

Fuq l-ewwel parti tal-aggravju uniku

L-argumenti tal-partijiet

- 47 Ryanair tikkontesta ċ-ċaħda, mill-Qorti Ġenerali, fil-punti 74 sa 76 tas-sentenza Ryanair, tal-argument tagħha li jgħid, biex tiddetermina jekk it-TTA imposta għar-rata mnaqqsa kienet tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat, ir-rata ta’ riferiment xierqa kienet dik ta’ EUR 3, adottata fix-xhar ta’ Marzu 2011 mill-awtoritajiet Irlandiżi. Skont Ryanair, il-fatt li dik ir-rata ta’ EUR 3 ma kinitx applikabbli matul il-perijodu kkonċernat mid-deċiżjoni kkontestata ma jipprojbixxix li tintgħażel bħala r-rata ta’ riferiment. Ir-rata ta’ EUR 10 qatt ma eżistiet irrispettivament mir-rata mnaqqsa u ż-żewġ rati ġew introdotti u mħassra fl-istess ħin. Konsegwentement, skont Ryanair, wieħed qatt ma kellu rata “normali” jew “ta’ riferiment” f’din il-kawża.
- 48 Il-Kummissjoni u l-Gvern Irlandiż isostnu, prinċipalment, li din il-parti tal-aggravju uniku hija ineffettiva, peress li Ryanair tillimita lilha nfisha li tikkontesta l-uniku punt 74 tas-sentenza Ryanair u ma tikkritikax il-motivi żviluppatti mill-Qorti Ġenerali fil-punti 75 u 76 tal-istess sentenza, li huma, huma waħedhom, suffiċjenti biex jiġġustifikaw iċ-ċaħda tal-argument tagħha mressaq quddiem il-Qorti Ġenerali. Sussidjarjament, huma jikkontestaw il-fondatezza tal-argumenti ta’ Ryanair.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 49 Kuntrarjament għal dak li jargumentaw il-Kummissjoni u l-Gvern Irlandiż, l-ewwel parti tal-aggravju uniku ta’ Ryanair ma hijiex ineffettiva. Fil-fatt, Ryanair tindika, fl-appell tagħha, li din il-parti ssemmi mhux biss il-punt 74, iżda wkoll il-punti 75 u 76 tas-sentenza Ryanair. Barra minn hekk, dawn it-tliet punti jiżviluppaw, essenzjalment, l-istess motiv wieħed biss, fondat fuq il-konstatazzjoni li tgħid li, matul il-perijodu kkonċernat mid-deċiżjoni kkontestata, ir-rata ta’ EUR 3 ma kinitx applikabbli u, għaldaqstant, ma tistax tintuża bħala rata ta’ riferiment.
- 50 Madankollu, fuq il-mertu, l-argumentazzjoni ta’ Ryanair ma tistax tintlaqa’.
- 51 Fil-fatt, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kundizzjoni ta’ selettività, l-Artikolu 107(1) TFUE jimponi li wieħed jiddetermina jekk, fil-kuntest ta’ sistema ġuridika partikolari, miżura nazzjonali hija ta’ natura li tiffavorixxi “ċerti impriżi jew ċerti produzzjonijiet” meta mqabbla ma’ oħrajn, li jinsabu, fid-dawl tal-għan segwit mill-imsemmija sistema,

fsitwazzjoni fattwali u legali paragonabbli (sentenza tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni u Spanja vs Il-Gvern ta' Ġibiltà u r-Renju Unit, C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732, punt 75 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 52 Issa, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 41 tal-konklużjonijiet tiegħu, tali evalwazzjoni ma tistax titwettaq billi wieħed jagħmel paragon bejn l-ammont li kellhom iħallsu l-kumpanniji tal-ajru suġġetti għar-rata mnaqqa tat-TTA u ammont ta' impożizzjoni ipotetiku, ikkalkolat fuq il-bażi ta' rata li, bħal ma Ryanair tammetti hija stess, ma hijiex applikabbli għal ebda titjira u lanqas għall-ebda kumpannija tal-ajru matul il-perijodu kkonċernat mid-deċiżjoni kkontestata. Kif il-Qorti Ġenerali ġustament irrilevat fil-punt 75 tas-sentenza Ryanair, l-iffissar ta' rata oħra ta' riferiment minn dik li ġiet effettivament applikata matul il-perijodu kkonċernat ma jippermettix li wieħed jaqbad l-effetti kollha tat-TTA.
- 53 Minn dan isegwi li l-punti 74 sa 76 tas-sentenza Ryanair ma humiex ivvizzjati bl-iżball tal-liġi allegat minn Ryanair u għandha tiġi miċħuda l-ewwel parti tal-aggravju uniku tagħha.

Fuq ir-raba' parti tal-aggravju uniku ta' Ryanair

L-argumenti tal-partijiet

- 54 Permezz tar-raba' parti tal-aggravju uniku tagħha, Ryanair targumenta li, kuntrarjament għal dak li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat fil-punt 89 tas-sentenza Ryanair, il-fatt li ż-żewġ rati tat-TTA kienu ġew introdotti fl-istess ħin kien rilevanti ħafna għall-evalwazzjoni tan-natura ta' "għajna mill-Istat" tar-rata mnaqqa. L-introduzzjoni fl-istess ħin taż-żewġ rati ma hijiex kwistjoni ta' "teknika ta' intervent", bħal ma kkunsidrat il-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, l-Irlanda ma tistax tikkunsidra rata unika ta' EUR 10 għal kull passiġġier u dan huwa għal din ir-raġuni li għażlet, sussegwentement li tissostitwixxi ż-żewġ rati tat-TTA b'rata unika ta' EUR 3 għal kull passiġġier. Ryanair iżżid tgħid li l-fatt li r-rata mnaqqa tat-TTA kienet applikata inqas frekwentement ma hijiex suffiċjenti biex teskludi li din ir-rata tinżamm bħala rata ta' riferiment, peress li l-frekwenza tat-tranżazzjonijiet taxxabli suġġetti għal rata ta' impożizzjoni determinata hija biss element fost oħrajn li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni.
- 55 Il-Kummissjoni tqies li din il-parti hija infondata, filwaqt li l-Gvern Irlandiż isostni, prinċipalment, li hija inammissibbli għaliex mhux żviluppata b'mod suffiċjenti u, sussidjarjament, li hija infondata.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 56 Kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Irlandiż, Ryanair esponiet b'mod suffiċjenti tad-dritt il-motivi li għalihom hija kkunsidrat li l-punt 89 tas-sentenza Ryanair huwa vvizzjat bi żball tad-dritt.
- 57 Xorta jibqa' l-fatt li dawn il-motivi ma jippermettux li jitqiegħdu fid-dubju il-fondatezza taċ-ċaħda, mill-Qorti Ġenerali, tal-argumentazzjoni ta' Ryanair, tant li din il-parti tal-aggravju uniku ta' Ryanair għandu wkoll jiġi miċħud.
- 58 Fil-fatt, kif irrilevat essenzjalment il-Qorti Ġenerali fil-punt 89 tas-sentenza Ryanair, jekk wieħed jikkunsidra li r-rata mnaqqa tat-TTA ma kinitx tikseb lill-impriżi li kienu suġġetti għal vantaġġ selettiv għall-uniku motiv li din ir-rata kienet introdotta fl-istess ħin li r-rata ta' EUR 10 għal kull passiġġier ekwivalenti li jġiegħel li n-natura ta' għajna mill-Istat tiddependi fuq intervent Statali tat-teknika użata. Issa, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 107(1) TFUE ma jistabbilixxi distinzjoni bejn l-interventi Statali skont teknika użata mill-awtoritajiet nazzjonali (ara, f'dan is-sens, sentenza tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni u Spanja vs Il-Gvern ta' Ġibiltà u r-Renju Unit, C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732, punt 87 u l-ġurisprudenza ċċitata).

59 Konsegwentement, ir-raba' parti tal-aggravju uniku ta' Ryanair għandha wkoll tiġi miċħuda.

Fuq l-aggravju uniku ta' Aer Lingus u fuq it-tieni u t-tielet partijiet tal-aggravju uniku ta' Ryanair

L-argumenti tal-partijiet

- 60 L-aggravju uniku ta' Aer Lingus huwa kompost minn erba' partijiet. Fil-kuntest tal-ewwel parti, Aer Lingus targumenta li, għalkemm il-punt 43 tas-sentenza Aer Lingus għandu jinftiehem fis-sens li l-eżami tan-natura ta' għajjnuna mill-Istat ta' miżura determinata ma għandha qatt tiegħu inkunsiderazzjoni n-natura eventwalment kuntrarja għad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni barra mill-Artikoli 107 u 108 TFUE ta' din il-miżura, huwa vvizzjat minn żball ta' liġi. Skont Aer Lingus, ir-rilevanza ta' din id-domanda ġiet rikonoxxuta mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punti 31 u 32 tas-sentenza tagħha tas-27 ta' Marzu 1980, Denkavit italiana (61/79, EU:C:1980:100), u għall-punti 14 sa 16 tas-sentenza tagħha tal-10 ta' Lulju 1980, Ariete (811/79, EU:C:1980:195). Barra minn hekk, jirriżulta mill-punti 23 u 24 tas-sentenza tas-27 ta' Settembru 1988, Asteris *et* (106/87 sa 120/87, EU:C:1988:457), kif ukoll mill-punt 60 tas-sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, ThyssenKrupp Acciai Speciali Terni vs Il-Kummissjoni (T-62/08, EU:T:2010:268), li pagament li sar mill-Istat b'kumpens għad-dannu kkawżat minnu ma jikkostitwixxix għajjnuna mill-Istat.
- 61 F'dan il-kuntest, Aer Lingus tfakkar li, quddiem il-Qorti Ġenerali, hija sostniet li l-perċezzjoni tat-TTA bir-rata ta' EUR 10 għal kull passiġġier kienet illegali, għaliex tmur kontra l-Artikolu 56 TFUE u għar-Regolament Nru 1008/2008, u li t-TTA perċepita għal din ir-rata setgħet tiġi rimborsata lill-kumpanniji kkonċernati. Issa, din l-illegalità hija ta' ostakolu li r-rata mnaqqsa tat-TTA tkun kwalifikata bħala għajjnuna mill-Istat.
- 62 Permezz tat-tieni parti tal-aggravju uniku tagħha, Aer Lingus targumenta li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, sa fejn ikkunsidrat, fil-punt 63 tas-sentenza Aer Lingus, li l-Kummissjoni kienet fid-dritt li tikkwalifika r-rata ta' EUR 10 għal kull passiġġier bħala r-rata ta' impożizzjoni "normali", anki jekk din tal-aħħar kienet illegali. Fil-fatt, il-punt 58 tal-istess sentenza, li jgħid li l-argument ta' Aer Lingus kien fondat fuq premessa żbaljata, huwa kontradittorju u vvizzjat minn żball, sa fejn il-Kummissjoni kkonstatat biss, fid-deċizzjoni kkontestata, li kienet l-eżistenza tar-rati differenzjati tat-TTA li kienet tikkostitwixxi restrizzjoni għall-provvista libera ta' servizzi, u mhux ir-rata ogħla bħala tali.
- 63 Fil-kuntest tat-tielet parti tal-aggravju uniku tagħha, Aer Lingus tikkritika l-punt 60 tas-sentenza Aer Lingus li tgħid, li peress li huwa possibbli li tiġi rimedjata diskriminazzjoni fiskali, bħal dik li tirriżulta mill-eżistenza taż-żewġ rati ta' TTA differenti, billi togħla r-rata mnaqqsa għal-livell tar-rata ogħla jew, bil-kontra, billi titbaxxa r-rata ogħla għal-livell tar-rata mnaqqsa, jew billi tiġi stabbilita rata unika ġdida, huwa żbaljat li wieħed jallega li r-rata ogħla tat-TTA hija illegali. Skont Aer Lingus, dan il-punt jikkonfondi d-domanda tal-azzjoni li l-Istat Membru għandu jintraprendi biex iwaqqaf id-diskriminazzjoni għall-futur ma' dik tal-azzjoni li għandu jintraprendi biex jirrimedja l-illegalità "storika" tar-rati ta' impożizzjoni diskriminatorji.
- 64 Finalment, fil-kuntest tar-raba' parti tal-aggravju uniku tagħha, Aer Lingus tikkritika l-punt 61 tas-sentenza Aer Lingus, li tgħid li "dritt għar-rimbors [tat-TTA mħallsa bir-rata ta' EUR 10 għal kull passiġġier], li jippreżumi li jkun stabbilit, ma huwiex awtomatiku u jiddependi minn serje ta' fatturi bħat-termini ta' preskrizzjoni applikabbli fid-dritt nazzjonali biex jintroduċu tali talba u l-osservanza tal-prinċipji ġenerali bħall-assenza ta' arrikkiment indebitu" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Aer Lingus targumenta li l-illegalità intrinsika tar-rata superjuri tat-TTA, jew tar-rati differenzjati, kif ukoll il-fatt li l-Irlanda kienet fil-prinċipju obbligata li tirrimborsa, lill-kumpanniji li ħallsu t-TTA bir-rata ogħla, id-differenza bejn din u r-rata mnaqqsa, li kienu jfissru li r-rata ogħla ma kinitx tista' tiġi kkunsidrata bħala rata ta' impożizzjoni "normali".

- 65 Permezz tat-tieni parti tal-aggravju uniku tagħha, Ryanair targumenta li r-rata tat-TTA ta' EUR 10 għal kull passiġġier ma kinitx tista' tikkostitwixxi r-“rata ta' riferiment” għall-evalwazzjoni tan-natura ta' għajjnuna mill-Istat tar-rata mnaqqa tat-TTA, sa fejn, b'analoġija ma' dak li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Frar 2003, Stylianakis (C-92/01, EU:C:2003:72), ir-rata ta' EUR 10 għal kull passiġġier kien imur kontra għall-Artikolu 56 TFUE u għar-Regolament Nru 1008/2008. Li wieħed iqis ir-rata ogħla bħala rata ta' riferiment jippreġudika l-koerenza tad-dritt tal-Unjoni.
- 66 Fil-kuntest tat-tielet parti tal-aggravju uniku tagħha, Ryanair targumenta li huwa bi żball li l-Qorti Ġenerali rreferiet, fil-punt 88 tas-sentenza Ryanair, għal “talbiet għar-rimbors ipotetiku” [traduzzjoni mhux uffiċjali] tat-TTA mħallsa għar-rata ogħla. Fil-fehma tagħha, l-impożizzjoni tat-TTA għall-imsemmija rata kienet tmur kontra d-dritt tal-Unjoni u l-eċċess tat-taxxa mħallsa għandha tiġi restitwita lill-impriżi kkonċernati.
- 67 Il-Kummissjoni u l-Gvern Irlandiż jikkontestaw l-argumentazzjoni żviluppata minn Aer Lingus u Ryanair u jikkunsidraw li hija għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 68 Qabelxejn, fir-rigward tal-ewwel parti tal-aggravju uniku ta' Aer Lingus, għandu jitfakkar li huma biss l-effetti prodotti mill-miżura fiskali inkwistjoni li jimportaw għall-evalwazzjoni tan-natura eventwali tagħha ta' “għajjnuna mill-Istat” u, b'mod partikolari, biex jiġi ddeterminat jekk din il-miżura twassal għal trattament fiskali iktar favorevoli tal-benefiċjarji tagħha meta mqabbla mal-kontribwenti l-oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni u Spanja vs Il-Gvern ta' Ġibiltà u Ir-Renju Unit, C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732, punt 87 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 69 B'hekk, il-fatt li miżura fiskali tmur kontra d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni oħrajn minbarra l-Artikoli 107 u 108 TFUE ma jippermettix li jeskludi l-kwalifika ta' “għajjnuna mill-Istat” l-eżenzjoni ta' din il-miżura li minnha jibbenefikaw ċerti kontribwenti, sakemm il-miżura inkwistjoni tipproduċi effetti fir-rigward tal-kontribwenti l-oħra u ma ġietx la abrogata u lanqas iddikjarata illegali u, għaldaqstant mhux applikabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Marzu 2005, Heiser, C-172/03, EU:C:2005:130, punt 38).
- 70 Huwa, essenzjalment, dak li rrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punt 43 tas-sentenza Aer Lingus kollu bħala, barra minn hekk, fil-punt 65 tas-sentenza Ryanair. Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li tallega Aer Lingus fil-kuntest tal-ewwel parti tal-aggravju uniku tagħha, il-punt 43 tas-sentenza Aer Lingus ma hija vvizzjata minn ebda żball ta' liġi.
- 71 Din il-kunsiderazzjoni ma hijiex imqiegħda f'dubju mill-ġurisprudenza invokata minn Aer Lingus u ċċitata fil-punt 60 ta' din is-sentenza.
- 72 Fil-fatt, minn din il-ġurisprudenza jirriżulta biss li ma jikkostitwixxix għajjnuna mill-Istat ir-rimbors, lill-impriża, tal-ammont ta' taxxa li għaliha kienet suġġetta għal ksur tad-dritt tal-Unjoni jew id-danni li l-awtoritajiet nazzjonali huma kkundannati li jħallsu lill-impriżi b'kumpens għad-dannu li kkawżawhom.
- 73 Issa, l-għajjnuna mill-Istat ikkonċernata mid-deċiżjoni kkontestata ma ssib l-oriġini tagħha la fir-rimbors ta' taxxa li tmur kontra d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni minbarra l-Artikoli 107 u 108 TFUE u mħallsa minn Aer Lingus u Ryanair u lanqas fil-ħlas, lil dawn iż-żewġ impriżi, tad-danni. Din il-ġurisprudenza hija, konsegwentement, mingħajr rilevanza f'dawn il-kawżi.
- 74 Konsegwentement l-ewwel parti tal-aggravju uniku ta' Aer Lingus għandu jiġi miċħud.

- 75 Fir-rigward, sussegwentement, tat-tieni sar-raba' partijiet tal-aggravju uniku ta' Aer Lingus kif ukoll tat-tieni u t-tielet partijiet tal-aggravju uniku ta' Ryanair, għandu jiġi kkonstatat li dawn jibbażaw fuq il-premessa li tgħid li l-vessazzjoni totali jew parzjali tat-TTA lid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni minbarra l-Artikoli 107 u 108 TFUE jista' jeżerċita influwenza fuq l-evalwazzjoni tan-natura ta' għajjnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, tal-eżenzjoni totali jew parzjali ta' din it-taxxa li minnha jibbenefikaw ċerti operaturi, sa fejn, b'mod partikolari, tali vessazzjoni tista' twassal, permezz ta' proċedura quddiem il-qrati nazzjonali, għar-rimbors tat-taxxa inkwistjoni kollha jew parzjali lill-operaturi l-oħra li ma bbenefikawx mill-eżenzjoni inkwistjoni.
- 76 Issa, huwa stabbilit li, meta l-Kummissjoni wettqet l-evalwazzjoni tagħha u ordnat id-deċizzjoni kkontestata, il-miżura fiskali inkwistjoni kienet tipproduċi effetti, fis-sens li ċerti kumpanniji tal-ajru kienu jħallsu t-TTA bir-rata mnaqqsa, minkejja li oħrajn li, konformement mal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni mhux ikkontestata minn Aer Lingus jew minn Ryanair, kienu jinsabu f'sitwazzjoni legali u fattwali paragonabbli fid-dawl mal-għanijiet tal-miżura fiskali inkwistjoni li kienu jħallsu l-istess taxxa bir-rata ogħla.
- 77 Mill-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 68 u 69 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-Kummissjoni kien ikollha tiegħu inkunsiderazzjoni dawn l-effetti u ma setgħetx tinjorahom, għall-uniku motiv li l-kumpanniji tal-ajru suġġetti għal trattament fiskali inqas favorevoli kienu jistgħu eventwalment jiksbu r-rimbors tal-ħlas żejjed tat-taxxa li huma kienu ħallsu, permezz ta' proċedura quddiem il-qrati nazzjonali, jekk ikun il-każ fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni minbarra l-Artikoli 107 u 108 TFUE.
- 78 Għandu jiġi rrilevat, fil-fatt, li huwa l-obbligu mhux tal-Kummissjoni iżda tal-qrati nazzjonali li jiddeċiedu definittivament fuq l-eventwali rimbors ta' taxxa allegatament illegali fir-rigward tad-dritt tal-Istat Membru kkonċernat, jew li jmur kontra d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni minbarra l-Artikoli 107 u 108 TFUE, skont il-każ wara li dawn il-qrati kisbu min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja, permezz ta' rinvju preliminari, l-ispeċifikazzjonijiet neċessarji fuq il-portata u l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. L-effettività tal-Artikolu 107 TFUE tinsab sostanzjalment mnaqqsa jekk il-Kummissjoni kienet obbligata, qabel ma tikkwalifika miżura fiskali bħala "għajjnuna mill-Istat", fis-sens ta' dan l-artikolu, li tistenna d-deċizzjoni tal-qrati kompetenti fir-rigward ta' rimbors eventwali tal-ħlas żejjed tat-taxxa jew tat-taxxa mħallsa minn ċerti persuni taxxabli.
- 79 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, it-tieni sar-raba' partijiet tal-aggravju uniku ta' Aer Lingus kif ukoll it-tieni u t-tielet partijiet tal-aggravju uniku ta' Ryanair għandhom jiġu miċħuda bħala infondati u, għaldaqstant, l-appelli inċidentali fl-intier tagħhom.

Fuq l-appelli prinċipali

- 80 Insostenn ta' kull wieħed mill-appelli tagħha, il-Kummissjoni tinvoka, billi tressaq argumenti identiċi, aggravju uniku, meħud mill-ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE u tal-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 659/1999. Dan l-aggravju huwa dirett kontra l-punti 88 sa 127 tas-sentenza Aer Lingus u l-punti 119 sa 152 tas-sentenza Ryanair.

L-argumenti tal-partijiet

- 81 Il-Kummissjoni tikkritika lill-Qorti Ġenerali fuq żball ta' liġi u ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE u tal-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 659/1999, sa fejn, billi ġġudikat li missha ħadet inkunsiderazzjoni l-miżura li fiha l-kumpanniji tal-ajru benefiċjarji rriflettew fuq il-passiġġieri l-vantaġġ li jirriżulta mill-applikazzjoni tat-TTA bir-rata mnaqqsa, hija ddefinixxiet kriterju ekonomiku ġdid biex tiddetermina l-ammonti li għandhom jitħallsu lura bħala għajjnuna mill-Istat, bħal dik inkwistjoni f'dan il-każ.

- 82 Aer Lingus tikkontesta l-argumenti tal-Kummissjoni, li jagħmlu qari żbaljat tas-sentenza Aer Lingus. Hija tfakkar li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li t-TTA hija dazju tas-sisa, jiġifieri, fi kliem ieħor, taxxa indiretta, li tolqot l-passiġġieri, li huma l-benefiċjarji tar-rata mnaqqsa tat-TTA. Il-miżura fiskali inkwistjoni ma tistax, għaldaqstant, tiġi assimilata għal sussidju min-naħa tal-Istat jew għal miżura li tippermetti lill-impriża li tiffranka mill-ispejjeż. Aer Lingus iżżid tgħid li ma kienx permess lilha li timponi, mingħand il-passiġġieri li jivvjaġġaw fuq it-titjiriet suġġetti għar-rata mnaqqsa, ammont oġhla minn din ir-rata u li, għalkemm kienet obligata li tagħti lura EUR 8 għal kull biljett meħtieġ mill-Kummissjoni, ma huwiex possibbli għaliha li tirkupra retroattivament dan l-ammont mingħand il-passiġġieri li xtraw il-biljett inkwistjoni bir-rata mnaqqsa.
- 83 Ryanair targumenta, prinċipalment, li l-uniku aggravju tal-Kummissjoni huwa ineffettiv. Fil-fehma tagħha, sabiex tiġġustifika l-annullament tal-Artikolu 4 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali ressqet tliet motivi distinti, fil-punti, rispettivament, 120 sa 133, 134 sa 144 u 145 sa 149 tas-sentenza Ryanair. L-appell tal-Kummissjoni ssemmi biss l-ewwel ta' dawn il-motivi, dwar il-portata tar-riperkussjoni tat-TTA fuq il-passiġġieri, minkejja li ż-żewġ motivi l-oħra dwar, rispettivament, minn naħa, is-sitwazzjoni partikolari kif ukoll ir-restrizzjonijiet kompetittivi tas-suq inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, l-assenza ta' ġustifikazzjoni tan-neċessità li tiġi rkuprata d-differenza bejn ir-rata oġhla u r-rata mnaqqsa tat-TTA biex tistabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni ta' qabel, ma humiex ikkontestati mill-Kummissjoni.
- 84 Sussidjarjament, Ryanair ssostni li l-aggravju uniku tal-Kummissjoni huwa infondat. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali hija limitata li tapplika l-prinċipju li jgħid li hemm lok li jiġi ddeterminat il-valur reali tal-vantaġġ miksub permezz tal-għajjnuna. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tamplifika d-diffikultajiet marbutin mal-iffissar eżatt ta' dan l-ammont fil-każ fejn is-soluzzjoni rrakkomandata mill-Qorti Ġenerali għandha tinżamm. Ryanair finalment tosserva li huwa illoġiku li ma jitteħidx inkunsiderazzjoni r-riperkussjoni fuq il-klijenti tal-vantaġġ miksub mill-benefiċjarju tal-għajjnuna, minkejja li l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2014/104 jippermetti lill-awtur ksur għar-regoli tal-kompetizzjoni li wieħed jevita l-ħlas, bħala danni, tal-ispejjeż żejda li jirriżultaw mill-ksur, jekk dan għadda għall-klijenti tal-attur.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 85 Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li, kuntrarjament għal dak li ssostni Ryanair, l-aggravju uniku tal-Kummissjoni ma huwiex ineffettiv.
- 86 Ċertament, skont ġurisprudenza stabbilita sew tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' appell, l-ilmenti diretti kontra dawn il-motivi *in subsidium* ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali għandhom jiġu miċħuda qabelxejn bħala ineffettivi, billi ma jistgħux iwasslu għall-annullament ta' din is-sentenza (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Settembru 2010, Il-Kummissjoni vs Deutsche Post, C-399/08 P, EU:C:2010:481, punt 75 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 87 Madankollu, f'dan il-każ, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet ta' Ryanair, il-punti 120 sa 149 tas-sentenza Ryanair ma jippreżentawx tliet motivi distinti, kull wieħed minnhom huwa, hu waħdu, suffiċjenti biex jiġġustifika l-annullament tal-Artikolu 4 tad-deċiżjoni kkontestata. Dawn il-punti, l-istess bħal, barra minn hekk, il-punti 104 sa 123 tas-sentenza Aer Lingus, redatti fi kliem simili ħafna, jiżviluppaw aspetti differenti tal-istess raġunament tal-Qorti Ġenerali li jiġġustifika d-deċiżjoni tagħha, stabbilita fil-punt 123 tas-sentenza Aer Lingus u fil-punt 119 tas-sentenza Ryanair, li tgħid li l-Kummissjoni wettqet “żball ta' evalwazzjoni u żball ta' liġi” billi ffissat l-ammont tal-għajjnuna li għandha tiġi rkuprata mingħand kumpanniji tal-ajru għal EUR 8 għal kull passiġġier. Dawn l-aspetti differenti huma marbutin wieħed mal-ieħor u huwa mod artifiċjali u bi ksur tal-koerenza interna tagħhom li Ryanair tiseparahom fi tliet motivi allegatament distinti.

- 88 Barra minn hekk, l-argumentazzjoni mressqa mill-Kummissjoni tqiegħed inkwistjoni r-raġunament kollu tal-Qorti Ġenerali u mhux parti biss minnu, kif issostni bi żball Ryanair.
- 89 Peress li din ġiet speċifikata, fir-rigward tal-analiżi tal-aggravju uniku tal-Kummissjoni inkwantu għall-mertu, għandu jittfakkar, qabelxejn, li l-obbligu għall-Istat Membru kkonċernat li jħassar, permezz ta' rkupru, għajnuna kkunsidrata mill-Kummissjoni bħala inkompatibbli mas-suq uniku intiża, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-istabbiliment mill-ġdid tas-sitwazzjoni ta' qabel għall-għoti tal-għajnuna (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' April 1995, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-350/93, EU:C:1995:96, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 90 Dan il-għan jintlaħaq meta dawn l-għajnuniet in kwistjoni, miżjudin skont il-każ mill-interessi ta' dewmien, ikunu ġew irrestitwiti mill-benefiċjarju jew, f'termini oħra, mill-impriżi li kellhom benefiċċju effettiv. B'din ir-restituzzjoni, il-benefiċjarju jitlef fil-fatt il-benefiċċju li kien gawda fis-suq fir-rigward tal-kompetituri tiegħu u s-sitwazzjoni anterjuri għall-ħlas tal-għajnuna tiġi ristabbilita (is-sentenza tad-29 ta' April 2004, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-277/00, EU:C:2004:238, punt 75 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 91 Barra minn hekk, l-irkupru ta' għajnuna illegali bil-għan tal-istabbiliment mill-ġdid tas-sitwazzjoni ta' qabel ma timplikax kostituzzjoni mill-ġdid differenti tal-passat skont elementi ipotetiċi bħall-għażliet, spiss diversi, li setgħu jsiru mill-operaturi kkonċernati, peress li l-għażliet li effettivament saru bil-benefiċċju tal-għajnuna jistgħu jkunu irriversibbli (is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2005, Unicredito Italiano, C-148/04, EU:C:2005:774, punt 118).
- 92 Minn dan isegwi, kif l-Avukat Ġenerali rrileva sostanzjalment fil-punt 62 tal-konklużjonijiet tiegħu, li l-irkupru ta' din l-għajnuna jimplika r-restituzzjoni tal-vantaġġ prodott minnha lil benefiċjarju tagħha u mhux ir-restituzzjoni tal-eventwali benefiċċju ekonomiku li twettaq minnha mill-operat ta' dan il-vantaġġ. Tali benefiċċju jista' ma jkunx identiku għall-vantaġġ li jikkostitwixxi l-imsemmija għajnuna, jew saħansitra jagħti prova li ineżistenti, mingħajr ma dan il-fatt jista' jiġġustifika in-nuqqas ta' rkupru ta' din l-istess għajnuna, jew l-irkupru ta' somma differenti minn dik li tikkostitwixxi l-vantaġġ prodott mill-għajnuna illegali inkwistjoni.
- 93 Fir-rigward, partikolarment, ta' għajnuna illegali mogħtija taħt il-forma ta' vantaġġ fiskali, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll li l-irkupru tal-għajnuna jimplika l-issuġġettar tat-tranżazzjonijiet li effettivament twettqu mill-benefiċjarji bl-għajnuna inkwistjoni tat-trattament fiskali li, fl-assenza tal-għajnuna illegali, ġie applikabbli lilhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2005, Unicredito Italiano, C-148/04, EU:C:2005:774, punt 119).
- 94 F'dan il-każ, il-vantaġġ fiskali mogħti permezz tat-TTA kien jikkonsisti, skont id-deċiżjoni kkontestata, b'applikazzjoni tar-rati ta' impożizzjoni differenti matul il-perijodu kkonċernat, li wasslu li jibbenefikaw lill-kumpanniji tal-ajru fl-Irlanda li kellhom iħallsu r-rata ta' impożizzjoni ta' EUR 2 ta' vantaġġ b'paragun mal-kumpanniji l-oħra li kellhom iħallsu l-ammont ta' EUR 10 għal kull passiġġier matul l-istess perijodu. Issa, Aer Lingus u Ryanair ma wasslux li jistabbilixxu li l-imsemmija deċiżjoni, sa fejn tikkonstata l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, hija vvizzjata b'illegalità.
- 95 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 89 sa 93 ta' din is-sentenza, għandu jiġi kkonstatat li r-restituzzjoni tal-vantaġġ prodott mill-miżura ta' għajnuna, kif identifikata mid-deċiżjoni kkontestata, kienet tinneċessita l-irkupru mill-awtoritajiet fiskali Irlandiżi, mingħand il-benefiċjarji tar-rata mnaqqsa tat-TTA, tad-differenza bejn l-ammont tat-TTA li, fl-assenza tal-għajnuna illegali, missha tħallset għal kull waħda mit-titjiriet inkwistjoni, jiġifieri dik tat-TTA bir-rata oġġla, u l-ammont tat-TTA effettivament imħallsa, jiġifieri dik ikkalkolata fuq il-bażi tar-rata mnaqqsa tat-TTA.

- 96 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, ir-restituzzjoni tal-għajjnuna kienet teħtieġ l-irkupru ta' somma ta' EUR 8 għal kull passiġġier ta' kull waħda mit-titjiriet ikkonċernati, kif il-Kummissjoni speċifikat fl-Artikolu 4 tad-deċiżjoni kkontestata.
- 97 Il-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 104 sa 123 tas-sentenza Aer Lingus u fil-punti 120 sa 149 tas-sentenza Ryanair ma setgħux jiġġustifikaw, kuntrarjament għal dak li kkunsidrat il-Qorti Ġenerali, konklużjoni differenti.
- 98 Fil-fatt, sa fejn, konformement mal-leġiżlazzjoni Irlandiża applikabbli, il-kumpanniji tal-ajru kienu direttament responsabbli għall-ħlas tat-TTA, huwa rrilevanti, fiċ-ċirkustanzi ta' dawn il-kawżi, li din it-taxxa ġiet ikkwalifikata, fil-leġiżlazzjoni Irlandiża, bħala "dazju tas-sisa". Għall-istess motiv, il-kwistjoni jekk, minn perspettiva teknika, it-TTA għandha tiġi kkwalifikata bħala taxxa diretta jew indiretta, hija rrilevanti.
- 99 Huwa wkoll irrilevanti, fir-rigward tal-kwistjoni tal-irkupru tal-għajjnuna, il-kunċett ta' "riperkussjoni ekonomika" invokat rispettivament fil-punt 91 tas-sentenza Aer Lingus u fil-punt 123 tas-sentenza Ryanair. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali indikat li, fir-rigward tat-titjiriet suġġetti għar-rata mnaqqsa ta' EUR 2 għal kull passiġġier, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tar-"riperkussjoni ekonomika", kienet kwistjoni li jiġi ddeterminat sa fejn il-kumpanniji tal-ajru kkonċernati kisbu effettivament il-vantaġġ ekonomiku li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' din ir-rata mnaqqsa.
- 100 Issa, kif jirriżulta mill-punti 92 u 93 ta' din is-sentenza, l-irkupru tal-għajjnuna jimplika r-restituzzjoni tal-vantaġġ prodott minnha lil benefiċjarju tagħha u mhux ir-restituzzjoni tal-eventwali benefiċċju ekonomiku li twettaq minnha mill-operat ta' dan il-vantaġġ. Għalhekk, ma hemmx lok li jiġi eżaminat jekk, u sa fejn, dawn il-kumpanniji effettivament użaw il-vantaġġ ekonomiku li jirriżulta mill-applikazzjoni tar-rata mnaqqsa.
- 101 Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali esposti fil-punti 92 sa 105 tas-sentenza Aer Lingus u fil-punti 124 sa 136 tas-sentenza Ryanair jixhdu l-istess konfużjoni bejn il-vantaġġ mogħti b'effett tar-rata mnaqqsa tat-TTA u l-benefiċċju li d-destinatarji tal-għajjnuna kienu jistgħu jew setgħu jisiltu minn dan il-vantaġġ.
- 102 Fil-fatt, kuntrarjament għal dak li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat, rispettivament fil-punt 105 tas-sentenza Aer Lingus u fil-punt 136 tas-sentenza Ryanair, il-vantaġġ, kif identifikat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, ma kienx jikkonsisti fil-fatt li l-kumpanniji tal-ajru suġġetti għal din ir-rata setgħu "joffru prezzijiet iktar kompetittivi". Kien jikkonsisti sempliċement, fil-fatt li dawn l-istess kumpanniji kien ikollhom iħallsu ammont tat-TTA inqas minn dak li kellhom iħallsu jekk it-titjiriet tagħhom kienu suġġetti għar-rata ogħla tat-TTA. Il-kwistjoni jekk dan il-vantaġġ ippermettilhom li jipproponu prezzijiet għall-biljetti iktar kompetittivi, jew jekk huma użaw dan il-vantaġġ b'mod ieħor, jikkonċerna l-evalwazzjoni tal-eventwali benefiċċju li huma setgħu jwettqu bl-operat tal-vantaġġ mogħti, peress li tali evalwazzjoni kienet irrilevanti għall-irkupru tal-għajjnuna.
- 103 Huwa wkoll bi żball li l-Qorti Ġenerali qieset, rispettivament fil-punt 110 tas-sentenza Aer Lingus u fil-punt 141 tas-sentenza Ryanair, li ċ-ċirkustanzi tal-kawżi li ġiet adita bihom kienu differenti mill-kawża li tat lok għas-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2005, Unicredito Italiano (C-148/04, EU:C:2005:774), sa fejn il-kumpanniji tal-ajru benefiċjarji tar-rata mnaqqsa tat-TTA "ma setgħux jagħżlu tranżazzjoni differenti minn dik intitolata għal għajjnuna".
- 104 Fil-fatt, kif il-Qorti Ġenerali sostanzjalment irrikonoxxiet fil-punt 111 tas-sentenza Aer Lingus u fil-punt 142 tas-sentenza Ryanair, xejn ma kien iwaqqaf lill-imsemmija kumpanniji li jżidu l-prezz ħieles mit-taxxa tal-biljetti tat-titjiriet suġġetti għar-rata mnaqqsa tat-TTA għal ammont ta' EUR 8. Il-fatt li, b'applikazzjoni tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 1008/2008, huma ma kinux jistgħu jżidu, mal-prezz tal-biljett ħieles mit-taxxa, li l-ammont ta' EUR 2 li jikkorrispondi għat-TTA kkalkolat

bir-rata mnaqqsa, ma jistax iwassal għal konklużjoni differenti, sa fejn l-ammont li jikkorrispondi għad-differenza bejn iż-żewġ rati tat-TTA, jiġifieri EUR 8, seta' kien inkluż minn qabel fil-prezz tal-biljett ħieles mit-taxxa.

- 105 Il-kunsiderazzjonijiet li ġew qabel ma tqiegħdux fid-dubju mill-argument ta' Ryanair, ibbażat fuq l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2014/104. Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ċitata fil-punti 89 u 90 ta' din is-sentenza, l-irkupru ta' għajjnuna illegali għandu skop differenti minn dak segwit mid-Direttiva 2014/104. B'mod partikolari, din id-direttiva tal-aħħar hija intiża, kif jirriżulta mill-premessi 3 u 4 tagħha, li tiżgura l-eżerċizzju effettiv, minn kull persuna li jitqies vittma ta' ksur tar-regoli ta' kompetizzjoni previsti fl-Artikoli 101 u 102 TFUE, tad-dritt tagħha li titlob kumpens għad-danni li tikkunsidra li ġġarbet. Min-naħa l-oħra, l-irkupru tal-għajjnuna jsemmi mhux il-kumpens għal kwalunkwe dannu individwali, iżda l-istabbiliment mill-ġdid, fis-suq ikkonċernat, tas-sitwazzjoni preċedenti għall-ġoti tal-imsemmija għajjnuna.
- 106 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li, billi ġġudikat, rispettivament fil-punt 123 tas-sentenza Aer Lingus u fil-punt 119 tas-sentenza Ryanair, li l-Kummissjoni wettqet "wettqet żball ta' evalwazzjoni u żball ta' liġi" billi ffissat l-ammont tal-għajjnuna li għandha tiġi rkuprata mingħand il-benefiċjarji tar-rata mnaqqsa tat-TTA għal EUR 8 għal kull passiġġier tat-titjiriet ikkonċernati minn din ir-rata, il-Qorti Ġenerali vvizzjat is-sentenza tagħha bi żball ta' liġi.
- 107 Konsegwentement, għandhom jintlaqgħu l-appelli tal-Kummissjoni u jiġi annullat il-punt 1 tad-dispożittivi rispettivi tas-sentenzi Aer Lingus u Ryanair.

Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali

- 108 Konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-każ li tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, tista' tiddeċiedi definittivament il-kawża hija stess, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża. Dan huwa l-każ fil-kawża ineżami.
- 109 Peress li s-sentenzi appellati għandhom jiġu annullati biss fir-rigward tal-punt 1 tad-dispożittivi rispettivi tagħhom u mhux fir-rigward tal-punt 2 tagħhom, dan l-annullament ma jikkonċernax iċ-ċaħda, mill-Qorti Ġenerali tal-ewwel u l-ħames motivi tar-rikors ta' Aer Lingus kif ukoll tal-ewwel, ir-raba' u l-ħames motivi tar-rikors ta' Ryanair. Għaldaqstant, għandhom jiġu eżaminati biss it-tieni sar-raba' motivi tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali ta' Aer Lingus kif ukoll it-tieni u t-tielet motivi tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali ta' Ryanair.

Fuq it-tielet u sar-raba' motivi tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali ta' Aer Lingus kif ukoll fuq l-ewwel parti tat-tielet motiv tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali ta' Ryanair.

- 110 Aer Lingus u Ryanair jargumentaw, sostanzjalment, li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi kif ukoll żball ta' evalwazzjoni billi ffissat l-ammont tal-għajjnuna li għandha tiġi rkuprata għal EUR 8 għal kull passiġġier, għal kull waħda mit-titjiriet suġġetti għar-rata mnaqqsa tat-TTA.
- 111 Dawn l-argumenti għandhom jiġu miċħuda għall-motivi esposti fil-punti 85 għal 106 ta' din is-sentenza.
- 112 Aer Lingus u Ryanair isostnu wkoll li, sa fejn il-kumpanniji tal-ajru ma għandhomx iktar il-possibbiltà li jirkupraw, mingħand kull wieħed mill-passiġġieri tat-titjiriet suġġetti għar-rata mnaqqsa tat-TTA, it-8 EUR li għandhom jirrestitwixxu, l-obbligu li titħallas din is-somma, stabbilita mill-Artikolu 4

tad-deċiżjoni kkontestata, ekwivalenti għall-impożizzjoni ta' taxa addizzjonali jew ta' sanzjoni, bi ksur tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament u bi ksur tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li r-restituzzjoni tal-għajnuna ma tistax tiġi kkunsidrata bħala sanzjoni.

- 113 Dawn l-argumenti għandhom ukoll jiġu miċħuda.
- 114 Kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punt 83 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-irkupru ta' ammont daqs id-differenza bejn it-taxxa li kienet dovuta fl-assenza ta' miżura ta' għajnuna illegali u l-ammont inqas imħallas b'applikazzjoni ta' din il-miżura ma tikkostitwixxi taxa ġdida, imposta b'mod retroattiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Ġunju 1993, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-183/91, EU:C:1993:233, punt 17). Fir-rigward tal-irkupru tal-parti tat-taxxa inizjali, mhux imħallsa b'applikazzjoni tal-eżenzjoni illegali. Tali rkupru ma jikkostitwixxi iktar sanzjoni (sentenza tas-17 ta' Ġunju 1999, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-75/97, EU:C:1999:311, punt 65).
- 115 Bl-istess mod, fir-rigward tal-argument li jgħid li l-kumpanniji tal-ajru kkonċernati mill-irkupru ma jkunux jistgħu jirkupraw, mingħand il-klijenti tagħhom stess, it-taxxa supplimentari li huma għandhom iħallsu lura, huwa suffiċjenti li jittfakkar li, peress li l-għajnuna illegali identifikata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata li kienet tikkonsisti fl-applikazzjoni tar-rata mnaqqsa tat-TTA, jiġifieri feżenzjoni parzjali ta' taxa li kienet tolqot mhux lill-klijenti ta' dawn il-kumpanniji tal-ajru, iżda dawn tal-aħħar huma stess, l-irkupru ta' din l-għajnuna kienet timplika neċessarjament ir-restituzzjoni tad-differenza bejn iż-żewġ rati applikabbli. Kif jirriżulta mill-punti 99 u 100 ta' din is-sentenza, dan huwa wkoll l-istess każ fl-ipoteżi fejn il-benefiċjarji ta' din l-għajnuna ma siltu ebda benefiċċju mill-vantaġġ inkwistjoni, kemm jekk minħabba li pprofittaw dan il-vantaġġ lill-klijenti tagħhom jew għal kwalunkwe motiv ieħor.
- 116 Finalment, l-obbligu ta' rkupru tal-imsemmija għajnuna ma jikser la l-prinċipju ta' proporzjonalità u lanqas il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Minn naħa, jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li t-trażżin ta' għajnuna illegali permezz ta' rkupru huwa l-konsegwenza loġika tal-konstatazzjoni tal-illegalità tagħha, b'mod li l-irkupru ta' din l-għajnuna, bil-għan tal-istabbiliment mill-ġdid tas-sitwazzjoni ta' qabel, ma tistax, fil-prinċipju, tiġi kkunsidrata bħala miżura sproporzjonata b'paragun mal-għanijiet tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat (is-sentenzi tal-11 ta' Marzu 2010, CELF u l-Ministru tal-Kultura u tal-Komunikazzjoni, C-1/09, EU:C:2010:136, punt 54, kif ukoll tat-28 ta' Lulju 2011, Diputación Foral de Vizcaya *et* vs Il-Kummissjoni, C-471/09 P sa C-473/09 P, mhux ippubblikata, EU:C:2011:521, punt 100).
- 117 Min-naħa l-oħra, il-benefiċjarji tal-għajnuna, li huma obbligati li jħallsuha lura, ma jinsabux manifestament fl-istess sitwazzjoni bħall-kumpanniji tal-ajru li ma bbenefikawx mill-għajnuna u ma humiex ikkonċernati mill-irkupru, b'mod li ma tistax tkun kwistjoni ta' trattament differenti tas-sitwazzjonijiet analogi, bi ksur tal-prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament.
- 118 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tielet u r-raba' motivi tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali ta' Aer Lingus kif ukoll fuq l-ewwel parti tat-tielet motiv tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali ta' Ryanair għandhom jiġu miċħuda.

Fuq it-tieni motiv tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali ta' Aer Lingus u fuq it-tieni parti tat-tielet motiv tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali ta' Ryanair

- 119 Aer Lingus u Ryanair jargumentaw li l-kumpanniji tal-ajru suġġetti għal rata oġhla tat-TTA għandhom id-dritt li jiksbu r-rimbors tal-ħlas żejjed tat-taxxa mħallsa, kemm għall-motiv li l-istabbiliment ta' żewġ rati differenti li jikkostitwixxu ksur tal-provvista libera tas-servizzi stabbilita fl-Artikolu 56 TFUE kif ukoll l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza li ħarġet mis-sentenza tas-7 ta' Settembru 2006, Laboratoires Boiron (C-526/04, EU:C:2006:528). Konsegwentement, l-irkupru, mingħand il-benefiċjarji tar-rata mnaqqsa tat-TTA, tad-differenza bejn din ir-rata u r-rata oġhla jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 14(1)

tar-Regolament Nru 659/1999 kif ukoll tal-prinċipji ta' ċertezza legali, ta' effettività u ta' amministrazzjoni tajba. Minbarra dan, tali rkupru jwassal għal gravi distorzjoni tal-kompetizzjoni. Fil-fatt, wara dan l-irkupru, dawn huma l-kumpanniji tal-ajru li kienu s-suġġett ta' din il-miżura ta' rkupru li jitqiegħdu f'sitwazzjoni ta' ħsara, sa fejn huma jkunu għalhekk ħallsu ammont totali ta' EUR 10 għal kull passiġġier, minkejja li l-kumpanniji tal-ajru l-oħra, li kisbu r-rimbors ta' EUR 8 fuq l-10 EUR għal kull passiġġier inizjalment imħallsa, ikollhom ibatu biss taxxa ta' EUR 2 għal kull passiġġier.

- 120 Għandu jkun irrilevat, f'dan ir-rigward, li n-natura tal-miżura kkonċernata mid-deċizzjoni kkontestata ma hija xejn analoga ma' dik ikkonċernata mis-sentenza tas-7 ta' Settembru 2006, Laboratoires Boiron (C-526/04, EU:C:2006:528).
- 121 Fil-fatt, it-TTA kienet taxxa li kellha portata ġenerali u, fid-deċizzjoni kkontestata, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li tgħid li r-rata mnaqqsa tat-TTA kienet ekwivalenti għal eżenzjoni parzjali li tikkostitwixxi, hija stess, miżura ta' għajjnuna. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-persuni responsabbli għall-ħlas tat-taxxa inkwistjoni ma jistgħux jeċċepixxu li l-eżenzjoni li minnha jibbenefikaw impriżi oħrajn tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat biex wieħed jaħrab mill-pagament tal-imsemmija taxxa jew biex jikseb ir-rimbors (sentenza tas-7 ta' Settembru 2006, Laboratoires Boiron, C-526/04, EU:C:2006:528, punti 30 u 32 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 122 Peress li din ġiet speċifikata, għandu jtifakkur li, kif jirriżulta mill-punti 78 u 79 ta' din is-sentenza, fiċ-ċirkustanzi bħal dawk f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma tistax tastjeni milli tikkonstata l-eżistenza ta' għajjnuna mill-Istat għall-uniku motiv li teżisti possibbiltà li l-qradi nazzjonali kompetenti jordnaw ir-rimbors tal-ħlas żejjed tat-TTA mill-kumpanniji tal-ajru li ma bbenefikawx mir-rata mnaqqsa tagħha. Peress li kienet obligata li tikkonstata l-eżistenza ta' għajjnuna mill-Istat, il-Kummissjoni kienet obligata wkoll li tordna l-irkupru ta' din l-għajjnuna.
- 123 F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa l-obbligu tal-Istat Membru kkonċernat, f'dan il-każ l-Irlanda, li tiżgura, b'kull motiv xieraq u konformi mal-leġiżlazzjoni interna kif ukoll mad-dritt tal-Unjoni, li eventwali miżuri nazzjonali li għandhom bħala effett ir-rimbors, għal ċerti impriżi, ta' taxxa li ma jwasslux għal għajjnuna ġdida, inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE, għall-benefiċċju tal-impriżi li jibbenefikaw minn dan ir-rimbors.
- 124 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tieni motiv tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali ta' Aer Lingus kif ukoll it-tieni parti tat-tielet motiv tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali ta' Ryanair għandhom jiġu miċħuda.

Fuq it-tieni motiv tar-rikors ta' Ryanair

- 125 Fil-kuntest tat-tieni motiv tar-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, Ryanair targumenta li l-Kummissjoni missha ħadet inkunsiderazzjoni l-impatt proporzjonat tat-TTA fuq l-impriżi differenti kompetituri fl-evalwazzjoni tal-vantaġġ mogħti mit-TTA, sa fejn, minn naħa, ċerti kumpanniji, b'mod partikolari Aer Arann, ibbenefikaw mir-rata mnaqqsa tat-TTA għal perċentwali ħafna oġhla mit-titjiriet tagħhom u, min-naħa l-oħra, l-impatt tat-TTA, ikkalkolata bir-rata oġhla, kienet ħafna inqas għat-titjiriet klassi tan-negozju u titjiriet fuq distanzi twal, proposti prinċipalment minn Aer Lingus.
- 126 Aer Lingus, fil-kwalità tagħha ta' intervenjenti fil-Kawża T-500/12, ma ssostnix il-konklużjonijiet ta' Ryanair fir-rigward ta' dan il-motiv, iżda tikkunsidra li l-importanza dwar il-vantaġġ mogħti lill-benefiċjarji differenti jista' jkun rilevanti sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tal-għajjnuna li għandha tiġi rkuprata. Issa, sa fejn l-intervent ma jstax jkollu għan ieħor ħlief is-sostenn, totali jew parzjali, tal-konklużjonijiet ta' waħda mill-partijiet, l-argument ta' Aer Lingus fuq dan il-punt huwa inammissibbli.

- 127 Fir-rigward tal-argumentazzjoni ta' Ryanair, hija ma tistax tintlaqa'. Il-fatt li ċerti benefiċjarji minn miżura ta' għajnuna jistgħu jisiltu l-vantaġġ li jikkostitwixxi din l-għajnuna, benefiċċju proporzjonalment ikbar minn dak li siltu l-benefiċjarji l-oħrajn tal-istess miżura ma tipprekludi la li l-Kummissjoni tikkwalifika l-miżura inkwistjoni bħala għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq uniku, u lanqas li din tordna l-irkupru tal-vantaġġ li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' din l-għajnuna.
- 128 Minn dan isegwi li t-tieni motiv tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali ta' Ryanair ma huwiex fondat u għandu jiġi miċħuda.
- 129 Għaldaqstant, minn naħa, l-ewwel u l-ħames motivi tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali ta' Aer Lingus kif ukoll l-ewwel, ir-raba' u l-ħames motivi tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali ta' Ryanair ġew miċħuda mill-Qorti Ġenerali mingħajr ma l-motivi mqajma minn Aer Lingus u Ryanair, fil-kuntest tal-appelli inċidentalment rispettivi tagħhom, kontra l-motivi tas-sentenzi appellati li jsostnu din id-deċiżjoni ta' ċaħda ntlagħġu, il-punt 2 tad-dispożittiv tas-sentenzi appellati sar definittiv u, minn naħa l-oħra, li jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti li l-motivi l-oħra mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali minn Aer Lingus u Ryanair li huma intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata għandhom ukoll jiġu miċħuda, ir-rikorsi għal annullament rispettivi tagħhom għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.

Fuq l-ispejjeż

- 130 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.
- 131 Skont l-Artikolu 138(1) tal-istess regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) ta' dawn ir-regoli, il-parti li ttitlef għandha tbatlha l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba.
- 132 Peress li Aer Lingus u Ryanair tilfu kemm fl-appelli inċidentalment tagħhom kif ukoll fir-rikorsi tagħhom quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Kummissjoni għamlet talba f'dan is-sens, għandhom jiġu kkundannati jbatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, dawk sostnuti mill-Kummissjoni kemm quddiem il-Qorti Ġenerali kif ukoll fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.
- 133 Konformement mal-Artikolu 140(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, li saret applikabbli fil-proċedura tal-appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tagħhom, l-Istati Membri li intervjenew fit-tilwima għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess. Minn dan jirriżulta li l-Irlanda għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (it-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi li:

- 1) **Is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-5 ta' Frar 2015, Aer Lingus vs Il-Kummissjoni (T-473/12, mhux ippubblikata, EU:T:2015:78), u, tal-5 ta' Frar 2015, Ryanair vs Il-Kummissjoni (T-500/12, mhux ippubblikata, EU:T:2015:73), huma annullati, sa fejn jannullaw l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/199/UE, tal-25 ta' Lulju 2012, dwar l-għajnuna mill-Istat, il-każ SA.29064 (11/C, ex 11/NN) — Rati tat-taxxa differenzjali għall-ivvjaġġar bl-ajru implementati mill-Irlanda, sa fejn dan l-artikolu jordna l-irkupru tal-għajnuna mingħand benefiċjarji, fl-ammont li huwa stabbilit għal EUR 8 għal kull passiġġier fil-premessa 70 tal-imsemmija deċiżjoni.**
- 2) **L-appelli inċidentali huma miċħuda.**
- 3) **Ir-rikorsi għal annullament ippreżentati minn Aer Lingus Ltd u minn Ryanair Designated Activity Company kontra d-Deċiżjoni 2013/199 huma miċħuda.**

- 4) **Aer Lingus Ltd u Ryanair Designated Activity Company huma kkundannati li jbatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea kemm quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.**
- 5) **L-Irlanda għandha tbatu l-ispejjeż tagħha stess.**

Firem